**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Marvic Portelli bin George u Lisa nee` Custo u li joqghod 'Joelis House', Sacred Heart Street, Fontana, Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 25183 G)**

Illum 19 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli nhar is-Sibt 4 ta' Mejju 2002 ghall-habta tat-7:45 p.m. meta kien fl-inhawi maghrufa bhala Il-Qasam, l/o Qala, Ghawdex 1) kien ghall-kscca jew ipprova jikkaccja u kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar ta' l-ghamla Pietro Beretta Ser. No. E 05173-97 u munizzjon (seba' (7) skratac) minghajr ma ghandu licenzja tal-kacca mahruga fuq ismu mill-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur ta' Avviz Legali Nru 145/93 Art. 2 (1), Avviz Legali Nru 146/93 Art 7 (1), 2) u aktar talli fl-istess data, hin u post kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija arma u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur ta' Arms Ordinance Kap 66 Art 3 (1) 3) u aktar talli fl-istess data, hin u post ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasfur (kuccarda) liema ghasfur mhux imsemmi fl-iskeda I tar-Regolamenti ta' 1993 dwar il-Harsien ta' l- Ghasafar u Fenek Selvagg bi ksur ta' Avviz Legali Nru 146/93 Art 9 (1) (8).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita, tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti kif ukoll tordna s-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca ghal mhux aktar minn sena.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 7 u 9 u Regolament 25 ta' l-Avviz Legali 146/93 u 3 (1) tal-Kap 65;

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap 9;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur